



1952-2012: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħlaq sittin sena

Illum inżammet seduta solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu sabiex jiġi ċelebrat is-sittin anniversarju ta' din l-istituzzjoni.

L-ċerimonja nżammet fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tagħhom il-Gran Duka u l-Gran Dukessa tal-Lussemburgu, ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet Lussemburġiżi, tal-korp diplomatiku, tal-presidenti tal-Istituzzjonijiet Ewropej, ta' presidenti tal-qrati internazzjonali, ta' presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri u tal-Istat kandidat għas-sħubija mal-Unjoni, ta' ex membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' diversi personalitajiet oħra.

Vassilios Skouris, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fetaħ is-seduta solenni b'messaġġ ta' merġha, segwit minn messaġġ mill-President tal-Qorti Ġenerali, Marc Jaeger, u mbagħad mill-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, Sean Van Raepenbusch. Fuq stedina tal-Qorti tal-Ġustizzja, António Vitorino, ex Viċi President tal-Kummissjoni u President ta' Notre Europe – Institut Jacques Delors, ippreżenta diskors dwar it-tema "Il-futur tal-Ewropa u tas-sistema ġudizzjarja tagħha".

Sabiex tfakkar is-sittin anniversarju tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li tippubblika [ktieb](#). Intitolat "La Cour de justice et la construction de l'Europe: analyses et perspectives de soixante ans de jurisprudence", dan il-ktieb ġie ppreżentat matul laqgħa ta' ħidma li nżammet wara s-seduta solenni.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106